# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**4 TA' NOVEMBRU 2019**

**Rik. Revoka 1134/18 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 1135/2018**

**fl-ismijiet:-**

**Mario Falzon (K.I. 515972M) f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta**

**Proman Interiors**

**Vs**

**Michael Scerri (K.I. 625051M) u**

**Doris maghrufa bhala Doreen Scerri (K.I. 897351M)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors tas-sekwestrati Michael Scerri et**. li permezz tieghu wara li ppremettew illi huma kienu iddepozitaw taht l-awtorita' tal-Qorti s-somma indikata bhala sorte fil-mandat kawtelatorju, talbu lill-Qorti "tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-numru 1135/18 ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c) (e) u (f) tal-Kap. 12."

Rat id-digriet li permezz tieghu il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Rat illi matul id-diversi seduti li gew mizmuma mill-Qorti, il-partijiet talbu diversi differimenti peress li irritenew hekk opportun stante li kienu qed jiddiskutu ftehim bejniethom.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 l-Avukat Dr Ryan Falzon ghar-rikorrenti informa lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u ghalhekk talbu li r-rikors jigi dekretat.

Rat illi f'dik is-seduta il-Qorti tat lill-intimati sekwestranti terminu sabiex jipprezentaw risposta ghat-talba maghmula seduta stante.

Rat ir-risposta tal-intimati tat-23 ta' Ottubru 2019 li permezz taghha qed jopponu ghar-rikors ghaliex isostnu illi l-ammont depozitat bic-cedola nru 1881/18 ma jkopriex l-ammont fl-intier tieghu kawtelat bil-mandat de quo ghar-ragunijiet hemm minnhom moghtija.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

**Provi.**

Permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1135/18 Mario Falzon pro et nomine ottjena l-hrug ta' mandat kawtelatorju kontra Michael Scerri et sabiex jikkawtelaw l-pretensjoni taghhom indikata fil-mandat. Skond il-mandat is-sorte li talbu li jigi kawtelat jammonta ghal €61,846.13. Ir-raguni moghtija hi s-segwenti:-

"Bilanc ta' somma akbar rapprezentanti appalt ta' 'internal & external finishings" esegwit fil-villa bla isem fi Triq Jean Houel, Birguma, limiti tan-Naxxar......."

Hdejn il-kelma "Imghax" tnizzlet il-kelma "Rizervati" u hdejn il-kelma "Spejjez" tnizzlet il-kelma "Rizervati."

Permezz ta' cedola ta' depozitu numru 1881/18 il-bank HSBC Bank Malta plc, notifikat fil-kwalita' tieghu ta' sekwestratarju bil-s-sekwestru de quo iddepozita fil-5 ta' Ottubru 2018 is-somma ta' €61,846.13, precizament is-somma indikata fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo bhala sorte.

Fir-risposta taghhom, is-sekwestranti jopponu ghat-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat ghaliex isostnu illi l-ammont depozitat ma jkopriex il-pretensjoni kollha taghhom ghaliex l-istess sekwestranti, b'zewg rikorsi tal-21 ta' Novembru 2018 ottjenew il-permess ta' din il-Qorti diversament presjeduta b'digriet tat-22 ta' Novembru 2018 sabiex mis-somma imsemmija jizbankaw is-somma ta' €97.94 u s-somma ta' €74.98, spejjez ta' rikorsi ohra li kienu intavolaw precedentement, liema rikorsi kienu gew michuda minghajr ma' l-Qorti fid-digriet tac-cahda irreferiet ghall-ispejjez, kif kellha dritt taghmel tenut kont li l-kawza fil-mertu ghadha mhiex deciza. L-intimati sekwestranti qed jopponu r-rikors ghaliex isostnu illi mal-ammont depozitat ghandu jizdied ammont li jkopri l-ispejjez tal-istess mandat kawtelatorju nru 1135/18.

Ikkunsidrat;

**Ligi Applikabbli.**

**Artikolu 836 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej:

"1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

**(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew**

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew

**(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;** jew

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Dwar il-mandati kawtelatorji intqal illi "Ma ghandux jinhareg biex igib l-allegat debitur gharkubbtejh bid-dovut rigward ghad-drittijiet tal-allegat kreditur illi jekk ikolli ndizju car li l-kreditu tieghu jista' jigi eluz (kif kien jinghad fir-rikorsi ghall-hrug taghhom antikament, u cioe qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob mizuri mahsuba mill-istess ligi biex jopprotegi d-drittijiet tieghu." (**General Company Limited vs Kunsill Lokali tal-Mosta** deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2010.)

Huwa paċifiku li fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. L-istħarriġ li hija obbligata tagħmel il-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa wieħed sommarju fuq bażi *prima facie* filwaqt li l-mertu jiġi analizzat u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-provvediment mogħti mill-Prim' Awla fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et** fl-10 ta' Mejju 2001: "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." ( ara wkoll **C&F Building Contractors Limited vs Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) deċiża fil-25 t'Awwissu 2014.)

Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, ċioe` li rrikorrenti sekwestrata għandha bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi

tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. (**Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited** - Prim' Awla - 5 ta’ Ġunju 2007).

Ikkunsidrat;

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jaghmlu t-talba ghar-revoka b'referenza ghall-Artikolu 836 sub inciz 1 (c) (e) u (f) tal-Kap 12 fejn allura jkun ta' siwi għal min jitlob ir-revoka jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun waħda sodisfaċenti.

Illi l-pern taż-żewġ sub-inċiżi (1) (c) u (e) huma l-kliem ‘xieraq’ u ‘biżżejjed’. B’din l-għażla ta’ kliem il-leġislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat.

Il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista’ jagħmel tajjeb għall-pretenzjonijiet tas-sekwestrant jaqa’ kompletament f’idejn r-rikorrenti sekwestrat. Kif ingħad fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet **Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd** Ċit Nru 1366/2002 TM deċiż fl-20 ta’ Frar 2003. ‘tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant’.

Ikkonsidrat;

Il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 1135/18 ghas-somma ta' €61,846.13 inhareg b'digriet tat-12 ta' Lulju 2018 liema mandat gie notifikat fost l-ohrajn lill-HSBC Bank Malta plc. Min-naha tieghu HSBC Bank Malta plc iddepozita taht l-awtorita' tal-Qorti is-somma imsemmija b'cedola ta' depozitu pprezentata fil-5 ta' Ottubru 2018. F'dak il-mument il-pretensjoni tas-sekwestranti kienet

adegwadament kawtelata.  Ghalkemm l-intimati sekwestranti jsostnu li mal-ammont imsemmi kellu wkoll jigi kawtelat l-ammont ta' spejjez tal-mandat de quo,  fil-mandat ma hemm xejn x'jindika li qed jikkawtela wkoll l-ispejjez tal-istess mandat;  ghal kuntrarju jghid il-mandat li l-pretensjoni biex jikkawtela l-ispejjez kienet qed tigi rizervata.  Ladarba fuq il-mandat de quo ma inkludewx li riedu wkoll jikkawtelaw l-ispejjez tal-mandat;  anzi nizlu li fir-rigward tal-ispejjez kienu qeghdin jirrizervaw il-posizzjoni taghhom, isegwi illi s-somma li kellha tigi depozitata mis-sekwestratarji kienet is-somma imsemmija fil-mandat bhala sorte u xejn aktar.

Jigi wkoll osservat illi kien biss bl-azzjoni sussegwenti tal-istess sekwestranti li b'zewg rikorsi prezentati kontestwalment irnexxielhom jizbankaw zewg somom zghar mill-imsemmija somma, u li kien ghalhekk, u ghalhekk biss, li s-somma originali depozitata ta' €61,846.13 giet mittiefsa mill-istess sekwestranti li issa qed jilmentaw prattikament mill-konsegwenza tal-agir taghhom stess.

Dwar l-ispejjez taz-zewg rikorsi ghal hrug ta' kontro mandat b'ezitu kontra s-sekwestrati, il-mertu dwar min ghandu finalment ihallas l-ispejjez taghhom jiddependi mid-decizzjoni li l-Qorti li qed titratta l-mertu ghad trid tiehu fir-rigward tal-ispejjez.  Ghalhekk mhiex eskluza l-possibilita' li jekk is-sekwestranti jkunu sokkombenti fil-kawza fil-mertu, li jigu kkundannati jaghmlu huma tajjeb ghal dawk l-ispejjez.

Il-Qorti ghalhekk qed tqis l-obbjezzjonijiet tal-intimati sekwestranti bhala fondati infondati u ghalhekk qed tichadhom.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tas-sekwestrati tat-12 ta' Novembru 2018 u l-obbjezzjonijiet tas-sekwestranti bil-mod segwenti:

1. Tichad l-obbjezzjonijiet imressqa mill-intimati sekwestranti,

2,. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti sekwestrati, u bis-sahha tal-Artikolu 836 (1) (c) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1135/18 fl-ismijiet premessi u tordna l-hrug, a spejjez provvizorjament tar-rikorrenti sekwestrati, tal-kontro mandat relattiv filwaqt li tordna n-notifiki skond il-ligi tal-istess.

Bl-ispejjez rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu.

**Moghti kameralment illum 4 ta' Novembru 2019.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**